# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum, sitta u għoxrin (26) ta' Marzu 2024

Kawża Nru 14/2023 JPG

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Bernard Charles Spiteri)**

Vs

**Alexander Angileri**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Alexander Angileri**, iben Mario u Catherine nee Chircop, imwieled Pieta' Malta fit-tlieta (3) ta' Marzu 1987 u residenti ġewwa "Redentur", Triq San Ġwann, Nadur, Għawdex detentur tal-karta tal-identita numru 144887(M) fejn huwa ġie akkużat li nhar is-sittax (16) ta' Ottubru 2022 u fil-jiem ta' qabel ġewwa Triq tal-Ibraġġ, Rabat, Għawdex:

(a) biddel, irranġa mill-ġdid jew ħassar marka ta' reġistrazzjoni fuq il-vettura ta' għamal Generic bin-numru tar-reġistrazzjoni DBX 275 jew xort' oħra bagħbas mal-pjanċi tar-reġistrazzjoni tal-imsemmija vettura;

(b) għamel użu minn marka ta' reġistrazzjoni xort' oħra minn dik mogħtija mill-Awtorita għat-Trasport f'Malta dwar il-vettura ta' għamla Generic bin-numru tar-reġistrazzjoni DBX 275;

(c) ikkommetta serq sempliċi għad-dannu ta' Marthese Cardona;

(d) bħala sid tal-vettura ta' għamla Generic bin-numru tar-reġistrazzjoni DBX 275 naqas li jara li jkollha dejjem u f'kull żmien il-liċenzja ta' ċirkolazzjoni maħruġa mill-Awtorita għat-Trasport f'Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien mhux inqas minn tmint (8) ijiem u dan skont l-Artikolu 15(3) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku.

Rat illi l-atti odjerni ġew assenjati lil din il-Qorti kif preseduta nhar is-dsatax (19) ta' Frar 2024 tramite l-Assenjazzjoni ta' Kawżi u Doveri maħruġa ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 520 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni u lid-Difiża jiddikjaraw fis-seduta tat-tlettax (13) ta' Marzu 2024 li huma kienu qegħdin jeżentaw lill-Qorti milli terġa' tisma' mill-ġdid ix-xhieda li kienu ġew prodotti sa dakinhar kif wkoll milli jiġu sottomessi mill-ġdid d-dokumenti preżentati sa dak l-istadju;

Rat il-provi kollha miġbura quddiem din il-Qorti diversament preseduta;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat li fis-seduta tat-tlettax (13) ta' Marzu 2024 l-akkużat rreġistra ammissjoni għall-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu. Fid-dawl ta' din l-ammissjoni l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' tali ammissjoni u tat żmien xieraq lill-akkużat sabiex jerġa' jikkunsidra mill-ġdid l-ammissjoni tiegħu;

Semgħet lill-akkużat jikkonferma l-ammissjoni tiegħu;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni u lid-Difiża jittrattaw fuq il-piena;

Ikkunsidrat;

Fir-rigward tal-ewwel tlett (3) akkużi in vista tal-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-akkużat, il-Qorti m'għandhiex triq oħra għajr li issib lil-akkużat ħati ta' dawn l-akkużi li ġew miġjuba fil-konfront tiegħu.

Fir-rigward tar-raba' akkuża nonostante l-ammissjoni tal-akkużat, is-sitwazzjoni hija pjuttost differenti. Għalkemm ir-regolament 14(3) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja jistabilixxi li kull sid ta' vettura irid jara li l-vettura jkollha dejjem u f'kull żmien il-liċenzja ta' cirkolazzjoni maħruġa mill-Awtorita għat-Trasport f'Malta, il-Leġislazzjoni Sussidjarja ma tindikax li jekk ma jsirx hekk dan jkun jammonta għal reat. Anzi minn eżami tar-regolament 14(4) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02,[1] il-konsegwenzi għal min jonqos li jagħmel hekk huma purament amministrattivi. Infatti l-individwu konċernat jkollu jħallas multa amministrattiva. **Għalhekk il-liġi mhux qed tikklassifika dan in-nuqqas bħala reat**. Per konsegwenza għalhekk tali nuqqas jaqa' barra mill-kompetenza tal-Qorti. Għaldaqstant minkejja l-ammissjoni tal-akkużat għal din l-akkuża, il-Qorti ma tistax tikkundannah għal nuqqas li l-leġislatur mhux qiegħed iqisu bħala reat iżda sempliciment bħala infrazzjoni amministrattiva b'konsegwenzi purament amministrattivi u mhux ta' indoli penali.

- **Il-Piena**

---

[1] *"Meta s-sid ta' vettura bil-mutur, li tkun inħarġitilha liċenza mill-Awtorità, jonqos milli jġedded il-liċenza li tkun tapplika għal dik il-vettura fi żmien tliet xhur minn meta tiskadi l-liċenza tal-vettura, hu jkun dovut iħallas multa amministrattiva, pagabbli lill-Awtorità, ta' għaxar euro (€10) għal kull xahar li d-dritt għal-liċenza li jkun japplika jibqa' mhux imħallas sa massimu ta' mhux aktar minn mitt euro (€100), minkejja kull azzjoni oħra li tista'tittieħed skont r-Regolamenti dwar l-Ikklampjar u t-Tneħħija ta'Vetturi bil-Mutur u Oġġetti ta' Ingombru:*
*Iżda f'każ li vettura bil-mutur tkun reġistrata fir-reġistru stabbilit skont ir-regolament 7A, huwa l-utent reġistrat u mhux is-sid li jkun responsabbli għall-ħlas tal-multa amministrattiva."*

Għar-rigward il-piena, il-Qorti semgħet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u d-Difiża. Irriżulta li l-akkużat għandu problema akuta ta' droga u qed jagħmel tentattivi sabiex huwa jiġi ammess għall-programm residenzjali fi sforz sabiex joħroġ mill-vizzju. Dan kollu ma jiskużax l-azzjonijiet tal-akkużat; ir-reati li ġew addebitati lilu u li huwa ammetta għalihom xorta jibqgħu reati ta' natura serja.

Min-naħa l-oħra, il-Qorti tqis li billi l-akkużat jingħata piena karċerarja effettiva jew inkella multa għar-reati li huwa wettaq b'daqshekk mhux se jkollu għajnuna biex huwa joħroġ miċ-ċirku vizzjuż li huwa spiċċa fih u l-probabbilita hi li jerġa' jispiċċa jixlef difru mal-ġustizzja.

Fis-sottomissjonijiet finali dwar il-piena, il-Prosekuzzjoni u d-Difiża issuġġerew sabiex fid-dawl taċ-ċirkostanzi li fihom jinsab l-akkużat jkun hemm ordni ta' *probation* flimkien ma' ordni ta' trattament. Dan sabiex anke l-akkużat jingħata l-għajnuna kollha possibbli fi sforz sabiex jirriforma ruħu. Għalkemm il-Qorti mhijiex marbuta mas-sottomissjonijiet magħmula mill-partijiet, il-piena suġġerita hija waħda li hija legalment proponibbli u li taqa' fil-parametri kemm tal-Kap. 9 kif wkoll tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Qorti hija wkoll propensa li tagħti dan iċ-ċans lill-akkużat bit-tama li huwa jirriforma ruħu u jevita konsegwenzi aktar gravi.

- **<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi il-Qorti:

(a) mhux qiegħda issib lill-akkużat ħati tar-raba' akkuża u qiegħda tilliberah minnha;

(b) wara li rat l-artikoli 284 u 285 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta kif wkoll ir-Regolamenti 44(4), 44(5) u 44(6) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02, fuq ammissjoni tiegħu stess, qiegħda issib lill-akkużat ħati tal-ewwel (1), tat-tieni (2) u tat-tielet (3) akkuża.

In kwantu għall-piena li għanda tiġi inflitta fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ kif elaborat aktar 'l fuq f'din is-sentenza, il-Qorti hija tal-fehma li jeżistu ċ-ċirkustanzi meħtieġa u msemmija fl-artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex il-ħati jitqiegħed taħt ordni ta' *probation*.

Għalhekk il-Qorti qiegħda tpoġġi lill-ħati Alexander Angileri taħt Ordni ta' *Probation* għal **perjodu ta' tliet snin** mil-lum b'dan li għal dan l-iskop qiegħda tordna li l-istess Alexander Angileri jitqiegħed taħt is-sorveljanza ta' Uffiċjal tal-*Probation* indikat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-*Probation u Parole*, liema ordnijiet huma soġġetti għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

A tenur tal-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lil Alexander Angileri bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni

ta' *probation* kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet anness ma' din is-sentenza u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor tul it-terminu tal-ordni ta' *probation*, tista' tingħata sentenza għar-reati li tagħhom instab ħati b'din is-sentenza, nonche l-konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f'każ ta' nuqqas ta' adeżjoni mat-termini tal-ordni hawn fuq imsemmi. Il-ħati iddikjara li jaqbel ma' tali ordni.

Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' *probation* bid-digriet tal-lum stess għandhom jiġu trasmessi minnufiħ lid-Direttur tas-Servizzi ta' *Probation u Parole* sabiex jassenja Uffiċjal tal-*Probation* biex ikun responsabbli għas-sorveljanza ta' Alexander Angilleri.

L-Uffiċjal tal-Probation assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-ħati kull sitt (6) xhur.

Inoltre peress li l-Qorti tqis li f'dan il-każ hemm lok li jiġi maħruġ Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-akkużat u li permezz tiegħu huwa jkun jista' jiġi mgħejjun jegħleb diffikutajiet relatati mal-vizzju tad-droga, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali qiegħda tqiegħed lill-ħati taħt Ordni ta' Trattament **<u>għal perjodu ta' tlett snin</u>** mil-lum u dan skont il-kondizzjonijiet li jinsabu fid-digriet anness ma' din is-

sentenza, liema digriet għandu jitqies li jagħmel parti integrali ma' din is-sentenza.

Il-Qorti qiegħda tiddikjara li għamlet din l-ordni ta' trattament wara li hija spjegat lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem il-konsegwenzi li jitnisslu minn ordni ta' trattament kif ukoll ir-responsabblita tiegħu naxxenti mill-istess kif ukoll il-konsegwenzi li jitnisslu f'każ li huwa ma joqgħodx għall-kondizzjonijiet imsemmija fl-ordni ta' trattament.

Stante li r-reati li tagħhom instab ħati l-akkużat mhumiex dawk kontemplati fl-artikolu 15(1) tal-Kap. 65, il-Qorti mhijiex sejra tordna lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien mhux inqas minn tmint (8) ijiem a tenur tal-Artikolu 15(3) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku u dan hekk kif mitlub mill-Prosekuzzjoni fil-komparixxi.

(ft.) Dr. Jean Paul Grech
Maġistrat

(ft.) Diane Farrugia
Deputat Reġistratur

Vera Kopja
Għar-Reġistratur